MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 21 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Kunsillier Marsascala | Is-Sur Charlo Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku Żejtun | Sa. Doris Abela |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Kunsilliera Ħal-Luqa | Sa. Maria Magri |
| Kunsillier B'Bugia | Is-Sur Simon Buttiġieġ |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsilliera Ħamrun | Sinj. Carmen Borg |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**21.1** **Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

21.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku tal-Marsa , Sindku ta' Marsaxlokk u Sindku ta' Santa Venera, Sindku ta' Ħal-Għaxaq u Kunsilliera Ħamrun fejn ġiet mogħtija r-raġuni li għaliha ma setgħax jattendi.

21.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

**21.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

21.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' l-Għoxrin (20) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

21.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil Kunsillier Sur Charlo u s-sekondat mis- Sindku Josef Masini Vento , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**21.3** **Komunikazzjoni mill-President;**

**Tender tal-Vettura EV**

21.3.1 Il-President informa li Tender rigward ix-xiri tal-vettura EV marbuta ma skema tal-Lesa infetaħ u qed jiġi evalwat.

**Talba mill-Kunsill tal-Gudja -ittra lil stabbilimenti kummerċjali**

21.3.2 Il-President rimarka li ġie innotat li l-Kunsill tal-Gudja bagħat ittra lil stabbilimenti kummerċjali ta' l-istess lokalita sabiex informahom dwar li skart kummerċjali tal-borża sewda mhux ser jinġabar. Fil-fehma tiegħu sostna li għadu ftit primatur li tintbagħat ittra b'dan is-suġġett għaliex għad ma hemmx soluzzjoni olistika speċjalment fejn jolqot ħwienet żgħar. Kien hemm qbil.

21.3.3 **Żjara min studenti mit -Turkija cost 3000 euro**

Il-President informa li reġjun stieden żewġ studenti universitarji li kienu akkumpanja li kontinġent Malti meta kienu fuq żjara f'Kaleċi Turkija. Qiegħed jitfassal programm kulturali u edukattiv għal meta ikunu fostna sabiex ikollhom iktar għarfin dwar ir-Reġjun ta' Nofsinhar. L-ispiża ta' din żjara ser tiswa madwar 3000 euro. Kien hemm qbil mil membri preżenti.

21.3.4 **Networking Event - Sindki, Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsilli Lokali ta' Reġjun**

Il-President informa li Reġjun ser jorganizza serata ta' networking f'Awwissu fejn ser jiġu mistiedna Sindki, Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsilli Lokali ta' Reġjun. L-ispiża għal din l-attività ser tkun 35 euro għal kull persuna. Kien hemm qbil.

21.3.5 **Stedina Kaleici**

Il-President qal li Il-Kunsill irċieva korrispondenza min Kaleici Turkija sabiex żjara hemm post għal 3 persuni. Il-spiża trid titħallas mil-Kunsill rispettiv. Ser tattendi persuna waħda mill-uffiċju ta'Reġjun.

21.3.6 **Ftuħ tal-kont bankarju ġdid għall-allokazzjoni tal-fondi ta' l-iskart**

Il-President informa li hemm bżonn jinfetaħ kont tal-bank ġdid sabiex l-allokazzjoni tal-Waste Management ikun qed jitmexxew min kont separat. Kien hemm qbil. Il-Kunsillier Charlot Mifsud ippropona din ir-reżoluzzjoni u sekondat mis-Sindku Josef Masini Vento

21.4 **Laqgħa Annwali 2023**

Il-President informa qed jipproponi li Laqgħa Annwali 2023 issir f'13 ta' Settembru. Waqt din il-laqgħa ser jiġi varat ir-riżultat ta' SIA. Qed jiġi ssuġġerita li dak inhar jingħata rikonoxximent Dr Noel Buttigieg minħabba il-kontribut li jagħti lir-Reġjun fuq suġġetti kulturali. Kien hemm qbil

**21.5 Skeda ta' Pagamenti;**

21.5.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/23A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

21.5.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nutar Josef Masini Vento u sekondati mil-Kunsillier Charlo Mifsud il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**21.6 Rapporti**

21.6.1 Rapport Finanzjarju Q2

Il-President ressaq il-Quartertly Financial Report għall-perjodu minn April sa Ġunju 2023 li ġie ċ-ċirkolat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. L-Accountant tal-Kunsill Reġjonali kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega ir-Rapport preżentat. Il-President sostna li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda u kapaċi jimplimenta l-proġetti li għandu pjanti għaż-żmien li ġej.

Fuq mozzjoni mressqa tal-Kunsillier Charlot Mifsud u s-sekondati mis-Sindku Josef Masini Vento il-membri kollha preżenti approvaw l-Quarterly Financial Report April -Ġunju 2023 b'mod unanimu.

**21.7 Affarijiet Oħra**

**Servizz mill-Staff Maniġerjali ta' Reġjun**

Il-President staqsa lil membri presenti sabiex jagħtu il kummenti u suġġerimenti dwar kif sejjer l-andament ta' servizz li qed jingħataw mill Staff Maniġerjali ta' Reġjun. B'mod unanimu tennew li huma kuntenti ħafna b'servizz li qed ikun ta' għajnuna għal Kunsilli u huwa servizz professjonali. Kien hemm qbil li li quddiem nkomplu nżidu il-koperazzjoni bejn il-partijiet kollha.

21.7.2 **Wied iċ-Ċawsli**

Il-President informa li qed issir iktar tindif ta' dan il-wied u Reġjun ġie nfurmat li ser jitpoġġew xi bankijiet ħalli jitgawdew mill pubbliku.

**21.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

21.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum 20/7/2023

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Aġent Segretarju Eżekuttiv